**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' April 2018**

Numru 16

**Rikors Guramentat Nru. 308/2018**

**l-Avukat Dottor Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Luise Associates Riviera & Co. S.r.l. bl-indirizz Via Del Castillo 17 Cap 18038, Porto Sole, Sanremo, Italja**
**vs**
**Il-Bastiment M/Y INDIAN EMPRESS registrat gewwa r-Renju Unit bin-numru ufficjali 737855 u numru tal-IMO 1006245**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-4 ta' April 2018 li jghid hekk:

1. Illi is-socjeta estera Luise Associate Riviera & Co, S.r.l. registrata gewwa l-Italja u bin-numru ta' registrazzjoni IM-124738 ta' Via Del Castillo 17 Cap 18038, Porto Sole, Sanremo, Italja hija socjeta illi tispecjalizza u toffri diversi servizzi relatati mas-settur marittimu fosthom bhala Agent ta' Bastimenti u Yachts (Profil tan-Negozju mahrug mir-Registru tal-Kumpaniji tal-Kamra tal-Kummerc, Industrija, Snajja u Agrikoltura hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi bejn Lulju u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) is-socjeta rikorrenti Luise Associates S.r.l. rendiet diversi servizzi lill-bastiment M/Y Indian Empress u l-ekwipagg taghha, liema bastiment hija pleasure yacht registrata taht il-bandiera marittima tar-Renju Unit li ghandha n-numru ufficjali tar-registrazzjoni 737855 u in-numru tar-registrazzjoni tal-Organizazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) 1006245 (Certifikat tar-Registru tar-Renju Unit ghal-bastiment M/Y Indian Empress hawn anness u mmarkat bhala Dok. B). Dawn is-servizzi gew pprovduti waqt illi l-imsemmija yacht kienet tinstab l-Italja bejn Lulju u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u tali servizzi jaqghu taht l-artikolu 742B(n), (o) u (q) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi s-socjeta rikorrenti harget sbatax-il fattura ghal dawn l-imsemmijin servizzi. Dawn il-fatturi jirrelataw il-hlas dovut lis-socjeta rikorrenti ghas-servizzi taghha bhala

agent tal-bastiment kif ukoll provizjonijiet forniti lill-bastiment u spejjez ohra inkorsi mis-socjeta rikorrenti in konnessjoni mal-bastiment intimat u l-ekwipagg li sal-gurnata tal-lum ghadhom ma gewx rimborzati lis-socjeta rikorrenti;

4. Illi komplessivament dawn il-fatturi li jirriflettu is-servizzi moghtija lill-bastiment intimat jammontaw ghas-somma ta' tnejn u erbghin elf names mija u tnejn ewro u hamsa u hamsin centezmu (€42,502.55) u dana kif provdut mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C. Dok. D, Dok. E, Dok. F, Dok. G, Dok. H, Dok. I, Dok. J, Dok. K, Dok. L, Dok. M, Dok. N, Dok. 0, Dok. P, Dok. Q, Dok. R, Dok. S;

5. Illi l-imsemmijin fatturi gew accettati mill-bastiment intimat u/jew rapprezentanti tieghu u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni illi giet mqajma mill-bastiment intimat dwarhom;

6. Illi minkejja l-fatt illi s-socjeta rikorrenti interpellat diversi drabi lill-bastiment intimat u/jew rapprezentanti tieghu sabiex jersqu ghal hlas tal-fatturi relattivi, huma baqghu inadempjenti u ghaldaqstant il-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf hames mija u tnejn ewro u hamsa u hamsin centezmu (€42,502.55);

7. Illi inoltre, din il-pretensjoni tar-rikorrenti nomine fil-konfront tal-bastiment intimat hija koperta bi privilegg specjali ai termini tal-artikolu 50(g) u/jew (m) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi l-imsemmi ammont ta' tnejn u erbghin elf hames mija u tnejn ewro u hamsa u hamsin centezmu (€42,502.55) huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment intimat lis-socjeta rikorrenti u ghalhekk fil-fehma tas-socjeta rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti nomine, il-bastiment intimat ma ghandux eccezzjonijiet validi x'jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

Jghid ghalhekk il-bastiment intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-bastiment intimat huma debitur tas-socjeta rikorrenti Luise Associates Riviera & Co. S.r.l. fis-somma ta' tnejn u erbghin elf hames mija u tnejn ewro u hamsa u hamsin centezmu (€42,502.55) ghal diversi servizzi moghtija lil-bastiment M/Y Indian Empress li kien jinsab irmiggat gewwa l-Italja bejn Lulju u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017);

3. Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti Luise Associates Riviera & Co. S.r.l. is-somma ta' tnejn u erbghin elf hames mija u tnejn ewro u hamsa u hamsin centezmi (€42,502.55) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-bastiment intimat li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici.

Rat in-nota ta' ammissjoni tat-18 ta' April 2018 fejn il-bastiment konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut M/Y Indian Empress ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tnejn u erbghin elf hames mija u tnejn ewro u hamsa u hamsin centezmu (€42,502.55), rapprezentanti diversi servizzi moghtija lill-istess-bastiment li kien jinsab irmiggat gewwa l-Italja bejn Lulju u Awwissu 2017, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur